**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 1 ta' Frar, 2023**

Numru 1

**Rikors Nru. 81/2021**

**Mario Farrugia**

**vs**

**Signal 8 Security Services Malta Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul mis-socjeta konvenuta Signal 8 Security Servcies Malta Limited (ritrattandi) wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-15 ta' Lulju 2022 li ikkonfermat id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tat-30 ta' Lulju 2021;

Rat ir-risposta ta' Mario Farrugia li sostna li r-ritrattazzjoni kellha tigi michuda;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tar-ritrattandi huma s-segwenti:

1. Li s-sentenza fiha dispozizzjonijiet kontra xulxin ai termini tal-artikolu 811(i);
2. Li saret applikazzjoni hazina tal-ligi ai termini tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12;
3. Li s-sentenza hi effett ta' zball ai termini tal-artikolu 811(l) tal-Kap. 12.

**L-ewwel aggravju – ksur artikolu 811(i) tal-Kap. 12**

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Anthony Mario Vella et vs HSBC Bank Malta plc et** deciza fit-18 ta' Lulju 2017:

> Fir-rigward tal-ilment bazat fuq l-Artikolu 811 (i) tal-istess Kap. 12, gie ritenut li d-disposizzjonijiet kontra xulxin iridu jirrizultaw fil-parti dispositiva tas-sentenza u mhux fil-motivazzjoni (ara Gauci v. Vella deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 2003). Intqal ukoll li l-kontradizzjoni "trid tkun tax-xorta li tippregudika l-esekuzzjoni tas-sentenza": Testaferrata Moroni Viani v. Vella deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Settembru, 2004.

L-aggravju tal-appellant quddiem il-Qorti tal-Appell kien fis-sens li t-Tribunal fl-ghoti tal-kumpens kellu jezercita d-diskrezzjoni tieghu b'ekwita u proporzjonalita mhux jitfa' ammont bl-addocc bla ebda ragunijiet jew motivazzjoni kif wasal ghal din ic-cifra. Fil-fatt talab li l-ghoti tal-kumpens jigi mhassar jew modifikat.

Il-Qorti tal-Appell iddecidiet hekk rigward ir-raba' aggravju tar-ritrattand li kien dwar il-kikwidazzjoni tal-kumpens:

> Is-socjetà appellanta qalet li t-Tribunal ma spjegax b'liema mod wasal ghal-likwidazzjoni tal-kumpens li ghandu jithallas lill-appellat, partikolarment meta wiehed iqis li dan ilu numru ta' snin li lahaq l-età pensjonabbli. L-appellat sostna li t-Tribunal qies diversi cirkostanzi biex wasal ghal-likwidazzjoni tal-kumpens, u l-kumpens li gie deciz li ghandu jithallas lilu jikkombacja mat-tmintax-il xahar salarju li huwa tilef kemm ilu li tkecca mill-impjieg.
>
> Din il-Qorti permezz tas-sentenzi taghha kemm-il darba sostniet li d-decizjonijiet tat-Tribunal ghandhom ikunu mmotivati, u li dan ghandu jispjega b'mod car fuq liema bazi huwa jsejjes il-likwidazzjoni tal-kumpens li ghandu jithallas. L-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 jispecifika illi:
> "Meta, fuq ilment maghmul skont l-artikolu 75, it-Tribunal isib li r-ragunijiet ghall-ilment ikunu bbazati tajjeb –
> (a) F'kaz ta' tkeccija minghajr kawza gusta, jekk ma jkunx hemm talba specifika biex jerga' jidhol fl-impjieg jew biex jerga' jigi impjegat, jew it-Tribunal jiddeciedi li ma ghandux jaghmel ordni biex jerga' jidhol fl-impieg jew jerga' jigi impjegat kif intqal qabel, it-Tribunal ghandu jaghti sentenza ta' kumpens, li ghandha tithallas mill-principal lil min jaghmel l-ilment, rigward it-tkeccija. Izda meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal ghandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie mkecci minghajr kawza gusta kif ukoll cirkostanzi ohra, inkluzi l-età u s-snajja' tal-haddiem li jistghu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg ta' dak il-haddiem."

Il-Qorti hawn taghmel riferiment ghal dak li ntqal minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Publius Davison vs. De La Rue Currency and Security Print Limited**, moghtija fit-23 ta' April 2018, fejn inghad:

"... Ir-rikorrent tkecca ingustament u ghandu jedd li jircievi kumpens li jkun jirrifletti t-telf li sofra b'konsegwenza tad-decizjoni hazina li ha l-principal. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn kazijiet ta' tkeccija ingusta ghandhom jigu ttrattati b'mod differenti minn kazijiet ohrajn fejn l-attur ikollu l-jedd jippretendi d-danni. Il-ligi hi cara dwar dak li t-Tribunal ghandu jikkunsidra meta jillikwida l-kumpens u meta t-Tribunal ikun qieghed jezercita d-diskrezzjoni ghandu jispjega b'mod car u li jiftiehem kif u ghalfejn ikun illikwida s-somma li jikkundanna lill-principal ihallas. Id-diskrezzjoni ma jfissirx li t-Tribunal jista' jaqbad u jillikwida ammont li jkun. Fejn ikun hemm prova li l-impjegat ikun sofra d-danni, allura ghandu jedd jippretendi t-telf li jkun sofra. Ovvjament min-naha l-ohra t-Tribunal ghandu wkoll jiehu in konsiderazzjoni cirkostanzi bhad-danni tal-impjegat li jimmitiga t-telf u kontributorjetà fil-kondotta li tkun wasslet ghat-tkeccija. Hawn tidhol id-diskrezzjoni. Hu fatt li t-Tribunal ghandu d-diskrezzjoni però din trid tkun ezercitata b'mod ragonevoli u li taghmel sens fic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz u d-decizjoni tkun motivata."

Din il-Qorti tqis it-Tribunal naqas milli jispjega fid-dettall ghal liema ragunijiet kien qieghed jillikwida l-kumpens li ghandu jithallas lill-appellat bil-mod kif gie likwidat. In vista ta' dan in-nuqqas, il-Qorti sejra tordna li l-atti ta' dan il-kaz ghandhom jintbaghtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali, sabiex fi zmien ghaxart ijiem minn din id-decizjoni, dan jaghti motivazzjoni dettaljata tas-somma likwidata bhala kumpens, u dan ghall-finijiet ta' trasparenza u sabiex il-partijiet kollha fil-kawza jkunu mgharrfa ezattament b'liema mod gie kkomputat l-imsemmi kumpens.

Ghandu ragun r-ritrattand jghid li hemm kontradizzjoni bejn dak mitlub, dak milqugh u r-rimedju moghti. Jekk intlaqa' l-aggravju, fejn kien car li l-aggravju kien ghar-revoka jew modifika tal-kumpens ma setghetx il-Qorti tal-Appell tibghat l-atti lura lit-Tribunal ghal kjarifika dwar kif wasal ghall-ammont bla ebda riserva dwar x'ser jigri wara. Il-kjarifika fiha nfisha ma hallitx l-aggravju impregudikat imma tista' tinftiehem li l-kumpens bhala ammont jikkostitwixxi gudikat u ghal fini tal-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 it-Tribunal kellu biss jikkjarifika kif wasal ghal dan l-ammont.

La darba pero l-Qorti tal-Appell jidher li laqghet l-aggravju tal-appellant quddiemha mil-mod kif ikkunsidrat l-aggravju hu car li hemm zball u kontradizzjoni bejn dak deciz u r-rimedju moghti fil-parti dizpozittiva tas-sentenza. Ir-rimedju ordnat effettivament gab fix-xejn dak deciz mill-istess Qorti meta laqghet l-aggravju tar-ritrattand bla riserva jew kondizzjoni u halliet lir-

ritrattand bla ebda rimedju effettiv. Il-konflitt mhux wiehed apparenti izda reali u ghalhekk l-aggravju jisthoqqlu jigi milqugh.

Billi l-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju li wahdu hu bizzejjed biex ihassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell limitatament fuq il-kwistjoni tal-kumpens, ma hemmx bzonn li jigu kunsidrati l-aggravji l-ohra mressqa.

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta ritrattandi ghat-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-15 ta' Lulju 2022 u kwindi tordna s-smigh mill-gdid tal-appell limitatament in kwantu jirreferi ghall-aggravju dwar il-kumpens moghti mit-Tribunal. Spejjez ghar-ritrattat Mario Farrugia.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur